MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 847/2003

**GasanMamo Insurance Agency Ltd bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera CGU Plc ta' Perth Scotland kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Seguna Woodworks Co Ltd skond il-ligi u l-polza**

**Vs**

**Steel Structures Company Limited**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm965.00c (disa' mija u hamsa u sittin lira Maltin) rappresentanti danni kawzati lill-assigurat tas-socjeta' attrici, liema danni gew kawzati mis-socjeta' konvenuta meta fl-10 ta' Dicembru, 2001 dahal kwantita kbira ta' ilma fil-propjeta' tal-assigurat mill-propjeta' tas-socjeta' konvenuta, u ghal liema danni l-assigurat gie kkumpensat mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------